**6 ta' Ottubru, 1964.**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Henrietta Falzon

*versus*

John Frendo Azzopardi et.

**Senserija — Sensal.**

*Il-liġi ma tirrikjedi ebda rekwiżiti speċjali sabiex wieħed ikun jista' jikkwalifika ruħu bħal sensal f'operazzjoni ta' bejgħ ta' bini, ta' trasferiment enfitewtiku u ta' operazzjonijiet oħra fejn ġeneralment tintervjeni l-operat ta' terza persuna biex l-operazzjoni proposta u minnu inizjata isseħħ definittivament.*

*Sabiex persuna tkun intitolata titlob senserija jeħtieġ, fost affarijiet oħra, illi l-intromissjoni tagħha tkun ġiet rikjesta, jew almenu aċċettata, sia pure taċitament, mill-żewġ kontraenti; jiġifieri hemm bżonn illi l-partijiet ikunu inkarikaw, jew almenu attettaw, is-sensal bħala tali.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; billi l-attriċi kienet il-medjatriċi fil-konċessjoni enfitewtika magħmula mill-konvenuti lil Anthony Preca, tad-dar numru, 41, Saint Christopher Street, Valletta, għal sbatax-il sena biċ-ċens ta' mija u ħamsin lira (£150) fis-sena, fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Agius tat-18 ta' Marzu, 1963 (Dok. A); u billi l-konvenuti naqsu milli jħallsu s-sehem tagħhom tas-senserija — talbet li l-konvenuti jiġu kundannati jħallsu lill-attriċi s-sehem tagħhom tal-medjazzjoni fil-misura li tiġi likwidata minn din il-Qorti, bl-interessi legali u bl-ispejjeż,

inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-10 ta' Ottubru, 1963.

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha jgħidu illi t-talba attriċi hija infondata fid-dritt u fil-fatt għaliex hi ma kienitx medjatriċi fil-kuntratt imsemmi fiċ-ċitazzjoni, għalhekk id-domanda għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Li m'hemmx kwistjoni li l-attriċi hija omm l-mara ta' Anthony Preca, u li dina mhiex sensala "di professione", u li l-konvenut John Frendo Azzopardi huwa impjegat fin-National Bank of Malta, u li fiż-żmien ta' din l-operazzjoni, ħu l-attriċi Emmanuele Camilleri, kien iċ-Chief Cashier ta' dan il-Bank, u li l-attriċi riedet dina d-dar biex takkomoda lil bintha li kienet sejra tiżżewweġ lil Anthony Preca.

Ikkunsidrat:

Li l-liġi speċjalment f'materja ċivili ma tirrikjedi ebda rekwiżita speċjali biex wieħed ikun jista' jikkwalifika ruħu bħala sensal f'operazzjoni ta' bejgħ ta' bini, ta' trasferiment enfitewtiku u ta' operazzjonijiet oħra fejn ġeneralment tinterċedi l-operat ta' terza persuna biex l-operazzjoni proposta u minnu inizjata, isseħħ definitivament (Kollez. XXIV, i, 244). Għalhekk il-fatt li l-attriċi mhiex sensala u anqas ma intiżabta li tagħmel dana x-xogħol; u l-konsiderazzjoni li l-attriċi hija omm il-mara tal-enfitewta tal-fond "de quo" ma jippreklużuhiex "a priori" mid-dritt li titlob senserija fil-każ li dina tisthoqqilha.

Ikkunsidrat:

Li, però, kif svolġew ruħhom il-fatti, dina l-Qorti, waslet għall-konklużjoni li tant fil-ħsieb, kemm fl-atteġġjament tal-attriċi kienu jeżulaw l-elementi li jintitolawha titlob is-senserija.

Li, irriżulta infatti, li l-konvenut John Frendo Azzopardi kien ġie avviċinat minn Emmanuele Camilleri ħu l-attriċi, li kien impjegat il-Bank miegħu, u kien qallu li l-attriċi kellha bżonn ta' dar tas-Sliema. Però, dina d-dar li offra l-konvenut, lill-attriċi ma għoġbitiex. In segwitu -istess konvenut reġa' iltaqa' mal-attriċi inċidentament il-Bank u offrilha d-dar in kwistjoni. Għalkemm id-dar fil-fatt kienet meħtieġa għal bint l-attriċi biex tiżżewweġ ma' Preca, il-konvenut dejjem salmument tal-kuntratt, baqa' taħt l-impressjoni li dina d-dar kienet qegħda tindaħal għaliha l-attriċi. Infatti, meta l-konvenut ried jaf, quddiem in-Nutar, min ser ikun responsabbli l-attriċi wieġbitu: "Mhux xorta waħda". Tant li fuq il-konvenju l-attriċi dehret ma' Preca.

Li, hawn għandu jiġi rilevat li dawna ċ-ċirkostanzi ma ġew b'ebda mod miċħuda jew rettifikati mill-attriċi; u millkompless tal-provi dina l-Qorti hija propensa li toqgħod għal versjoni tal-konvenuti, għaliex aktar konfaċenti mal-versosimiljanza tal-fatti u tal-isvolġiment kollu tal-operazzjoni.

Ikkunsidrat:

Li, il-konvenut, deher mill-ewwel li ma ridtx iħallas spejjeż, u li kien kuntrarju għall-ħlas tas-senserija. Meta esprima ruħu f'dana s-sens mal-imsemmi Emmanuele Camilleri dana wieġbu; "Lanqas missek għidtu dan il-kliem, għaliex bħala Senior tiegħek mhux ser nagħmel dina l-brutta figura". Inoltri, Anthony Preca, li kien huwa li kellu bżonn post biex jiżżew-

weġ u kien għalhekk li minn qabel qabbad ħafna sensala meta irriferixxa ruħu għall-attriċi, u ried jiddefinixxi l-parti tagħha f'dina l-operazzjoni wisq ġustament stqarr: "Jiena ma naħsibx li meta omm l-għarusa, l-attriċi, indaħlet għal dina l-biċċa xogħol, kienet qegħda tagħmilha bħala sensala ma bintha" (fol. 22 tal-proċess). L-istess attriċi, anqas ma Preca, li ried jaf kemm hija s-senserija, qatt mawriet li kellha l-intenzjoni li tesiġiha, għaliex kienet tgħidlu: "Dawna affarijiet żgħar, nirranġaw". Inoltri irriżulta li fil-konvenju ma semma ebda *sensal (fols. 22 u 16) u anqas meta sar il-kuntratt*, tant huwa hekk (għalkemm mhux neċessarju) li ebda menzjoni ma saret fil-korp tal-kuntratt, u anqas bil-fomm meta ġie pubblikat. L-attriċi, infatti, ma kienitx preżenti.

Li, fl-inċident tal-ewwel pagament taċ-ċens, meta Preca ried £5 liri lura mingħand il-konvenut, u li ma ġie f'ebda mod miċħud jew spjegat minn Preca jew mill-attriċi, juri li l-movent ta' dina l-kawża jista' jkun konness ma' xi animosità li inġenerat bejn Preca u l-konvenut, meta dana wera ruħu, inamovibbli dwar ir-rikjesta tal-istess Preca, li spiċċa biex hedded *lill-konvenut, li jekk ma jagħmilx kif talbu, iġiegħel lill-attriċi* tfittxu għas-senserija.

Ikkunsidrat:

Li, inoltri, mill-isfond kollu ta' dina l-kawża, u mill-ħtieġa li l-attriċi wriet biex tkun tista' ssib dar għal bintha li kellha tiżżewweġ, u mill-fatt stess li l-konvenut mill-bidu nett kien oppost għal kwalunkwe xorta ta' spiża, — il-versjoni tal-konvenuti tidher aktar aċċettabbli, in kwantu f'dina l-operazzjoni l-attriċi ma kellha l-intenzjoni u fil-fatt, anqas ma indaħlet bħala sensala, għaliex huwa wisq diffiċli li f'dawna ċ-ċirkostanzi, l-attriċi, li kienet omm l-għarusa, setgħet toħloq ostakolu għaż-żwieġ ta' bintha bil-pretensjoni ta' senserija kontestata li setgħet kienet il-kawża tal-insuċċess tal-operazzjoni

tad-dar in kwistjoni.

Ikkunsidrat:

Li f'dina l-vertenza jirrikorru l-elementi tal-prinċipju rikonoxxut mill-Qrati tagħna, li biex persuna tkun intitolata titlob senserija jeħtieġ, fost affarijiet oħra li l-intromissjoni tagħha tkun ġiet rikjesta, jew almenu aċċettata, sia pure taċitament miż-żewġ kontraenti, iġifieri hemm bżonn li l-partijiet ikunu inkarigaw, jew almenu aċċettaw, is-sensal bħala tali, anqas ma jista' jkun hemm lok għal senserija, u lankas għall-kumpens bħala mandatarju retribwibbli, meta ma jkunx hemm inkarigu jew aċċettazzjoni tas-servizi (Kollez. XXXIV, iii, 738). Issa kif ġie rilevat il-konvenuti ma aċċettawx l-opera medjatriċi tal-attriċi, u għalhekk, anki taħt dana l-aspett, l-interessament tagħha, bla inkarigu jew annuenza tal-konvenuti, ma jintitolaha għal xejn; u jekk jidhrilha, li bl-inġerenza tagħha irrendiet xi serviġi lir-raġel ta' bintha, jibqgħalha, "si et quatenus", integru kwalunkwe dritt li tesiġi mingħandu, bħala lokatriċi d'opera, imqabbda minnu, dik ir-retribuzzjoni li talvolta jkun jixirqilha skond il-liġi.

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha.